SEGRETARJAT EDUKAZZJONI NISRANIJA

# Regolamenti għat-Transfer ta' Studenti bejn l-iskejjel ta' St Francis 2025-2026

## 1. STUDENTI TAT-TIENI SENA KINDERGARTEN

1.1 Wara t-tieni sena kindergarten, l-istudenti tal-kindergartens ta' St Francis Birkirkara, Msida, San Ġwann u Santa Luċija jmorru fil-primarji ta' St Francis Birkirkara, Bormla jew Msida.

1.2 Dan għandu jsir b'applikazzjoni **onlajn** mit-Tlieta, 22 sat-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2024. Biex tapplika jew **agħfas hawn** jew mur https://church.mt/stfrancisapplications. Wara li ssir l-applikazzjoni, il-ġenituri jirċievu immedjatament imejl awtomatiku bin-numru tal-applikazzjoni u d-dettalji sottomessi, u imejl ieħor b'konferma tal-applikazzjoni sal-1 ta' Diċembru 2024. F'każ li dan ma jseħħx, wara li tiċċekja l-kaxxa tal-junk u l-ispam, mitlub tikkomunika mal-Uffiċju tad-Dħul fuq id-dettalji t'hawn taħt (ara paragrafu 8).

1.3 Fil-mili tal-applikazzjoni l-ġenituri għandhom iniżżlu l-preferenza tal-iskola primarja ta' St Francis li fiha jixtiequ li jmorru t-tfal tagħhom.

1.4 Dawk li japplikaw bil-kriterju tal-impjegati u tal-aħwa huma mitluba li jagħtu l-informazzjoni dwar dan il-kriterju. Din l-informazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola.

1.5 F'każ ta' aktar aħwa li diġa qegħdin f'xi skola ta' St Francis, fl-applikazzjoni agħti d-dettalji tal-wild li hu fl-iżgħar livell. Eż: Wild fir-raba' sena primarja u ieħor fl-ewwel sena primarja. Agħti d-dettalji tal-wild li qiegħed fl-ewwel sena primarja.

1.6 Hemm ħlas ta €5 għal kull applikazzjoni sabiex jiġu koperti l' ispejjeż amministrattivi. Hemm bżonn ta' VISA card sabiex ikun jista jsir il-pagament onlajn.

1.7 Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħmel l-applikazzjoni onlajn jista' jċempel fuq 2203 9360 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-8:00 a.m u t-3:00 p.m jew l-iskola li fiha j/tattendi l-istudent/a.

## 2 Kriterji

2.1 L-ewwel kriterju: **tfal fl-istess skola**, jiġifieri dawk ta' Birkirkara jieħdu posthom f'Birkirkara, u dawk tal-Imsida jieħdu posthom l-Imsida. Tfal li qegħdin St Luċija jipproċedu għal Bormla u dawk li qegħdin San Ġwann jipproċedu għal Imsida. Jekk xi ħadd jixtieq jattendi primarja oħra tas-St Francis differenti minn dawn il-kombinazzjonijiet f'kriterju 2.1, għandhom japplikaw bil-kriterju 2.6 sakemm ma jaqgħux taħt il-kriterji l-oħra.

2.2 It-tieni kriterju: **tfal tal-impjegati full-time fl-istess skola**. Eżempju: impjegat/a Birkirkara, it-tfal jieħdu posthom Birkirkara; impjegat/a Bormla jew St Luċija, it-tfal jieħdu posthom Bormla; impjegat/a l-iMsida jew San Ġwann, it-tfal jieħdu posthom l-iMsida.

2.3 It-tielet kriterju: **tfal tal-impjegati full-time fi skola oħra** ta' St Francis. Eżempju: impjegat/a Birkirkara, j/tapplika għal-iMsida; impjegat/a tas-Sliema, j/tapplika għal Birkirkara.

2.4 Ir-raba' kriterju: **tfal li ħuthom se jkunu għadhom jattendu l-istess skola**. Dawk li ħuthom se jkunu għadhom jattendu Birkirkara jieħdu posthom f' Birkirkara, dawk li ħuthom se jkunu għadhom jattendu l-Imsida jew San Ġwann jieħdu posthom l-Imsida u dawk li ħuthom se jkunu għadhom jattendu Bormla jew St Luċija jieħdu posthom Bormla. Dan ma japplikax meta ħuthom ikunu fis-sitt sena għax fis-sena ta' wara, l-aħwa l-kbar mhux ser ikunu f'dik l-iskola.

2.5 Il-ħames kriterju: **tfal li ħuthom se jkunu jattendu xi skola ta' St Francis jew li ħuthom qegħdin fis-sitt sena primarja ta' St Francis**.

2.6 Is-sitt kriterju: l-**bqija tal-istudenti li qegħdin it-tieni sena kindergarten** li ma jaqgħux taħt l-ebda mil-kriterji hawn fuq.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

3. In-numru ta' postijiet fl-Ewwel Sena Primarja fl-iskejjel ta' St Francis huwa:

| Skola | Lokalita | Numru tat-telefown | Subien | Bniet |
|---|---|---|---|---|
| St. Francis | Birkirkara | 21442205 | 28 | 20 |
| St. Francis | Bormla | 21665410 | 40 | 32 |
| St. Francis | Msida | 21335513 | 28 | 20 |
| **Total Subien u Bniet** | | | **96** | **72** |

3.1 Jekk ikun hemm bżonn jista' jvarja n-numru ta' subien jew bniet iżda mhux it-total għad-dħul f'kull skola.

## 4.0 GĦAŻLA TA' SKOLA – ĠERARKIJA TAL-KRITERJI

Jekk kulħadd ikun jista' jinkiteb fl-iskola li l-aktar li jippreferi, allura l-proċess ta' transfer jieqaf hawn. Jekk le jintużaw il-kriterji msemmija hawn.

L-ewwel jieħdu posthom dawk li qegħdin fl-istess skola (kriterju 2.1).

It-tieni jieħdu posthom it-tfal tal-impjegati full-time fl-istess skola (kriterju 2.2).

It-tielet jieħdu posthom it-tfal tal-impjegati full-time fi skola oħra ta' St Francis (kriterju 2.3).

Ir-raba' jieħdu posthom it-tfal li ħuthom se jkunu għadhom jattendu l-istess skola (kriterju 2.4). Dan ma japplikax meta ħuthom ikunu fis-sitt sena għax fis-sena ta' wara l-aħwa l-kbar mhux ser ikunu f'dik l-iskola.

Il-ħames jieħdu posthom it-tfal li ħuthom se jkunu jattendu xi skola ta' St Francis jew li ħuthom qegħdin fis-sitt sena primarja.(kriterju 2.5).

Is-sitta jieħdu posthom il-bqija tal-istudenti li qegħdin it-tieni sena kindergarten (kriterju 2.6).

### 4.1 Poloz Partikulari u Polza Komuni

Meta tkun se timtela' skola u ma jkunx hemm post għall-applikanti kollha tal-kriterju li imiss tittella' polza għal dik l-iskola partikulari. Fil-polza partikulari jieħdu sehem l-applikanti ta' dak il-kriterju u dawk li jiġu l-ewwel jiġu offruti l-postijiet li jkunu disponibbli.

L-applikanti ta' dan il-kriterju li ma jiġux offruti post, l-applikanti tal-kriterji li jmiss ta' dik l-iskola u applikanti ta' skejjel oħra li ma ġewx offruti post, jekk ikun il-każ, jieħdu sehem f'polza komuni. Din il-polza komuni tiddetermina kif issir l-għażla għall-iskejjel ta' St Francis li jkun għad għandhom postijiet vakanti.

Spjega. Jekk wara li jkunu nkitbu l-applikanti subien tal-ewwel, it-tieni u t-tielet kriterju fl-iskola ta' Birkirkara u jkun baqa' 4 postijiet vakanti għas-subien u jkollna 6 applikanti subien li ħuthom qegħdin fl-iskola ta' Birkirkara, allura tittella polza bejn dawn l-applikanti. Dawk li jiġu quddiem jiġu offruti l-postijiet disponibbli.

L-applikanti li ma jiġux offruti post u l-applikanti tal-kriterji li jsegwu u applikanti minn skejjel oħra li ma jiġux offruti post, jieħdu sehem f'polza komuni li tiddetermina s-sekwenza tal-għażla tal-iskejjel l-oħra ta' St Francis, min jagħżel l-ewwel, t-tieni, eċċ.

Isiru poloz għall-bniet u għas-subien sabiex jinżamm in-numru bejn il-bniet u s-subien f'kull klassi.

Jekk ikun hemm bżonn ta' polza, il-poloz u l-għażla ta' skola jsiru onlajn nhar il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2024 u jibdew fl-10:00 ta' filgħodu. Aċċess għat-trasmissjoni jkun minn **www.knisja.mt**.

4.2 Jekk il-quddiem jinħoloq post vojt f'xi skola ta' St Francis, dan il-post jiġi offrut skont il-ġerarkija tal-kriterji u r-riżultat tal-poloz.

4.3 Il-proċedura kif spjegata f'para. 4.0 u 4.1. tgħodd ukoll għal tfal li għandhom bżonn LSE.

5. Aktar il-quddiem, l-uffiċċju tad-Dħul jinfurmakom f'liema skola ġew irreġistrati t-tfal tagħkom.

6. Min jixtieq jattendi skola oħra tal-knisja, għandu japplika skont ir-Regolamenti tad-dħul fl-

iSkejjel tal-Knisja f'Malta 2025-2026 li jiġu ppublikati lejn it-tielet ġimgħa ta' Novembru 2024.

7. Kull deċiżjoni l-uffiċċju tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.

8. F'każ ta' bżonn tistgħu ċċemplu fuq 2203 9360 jew tibgħatu imejl fuq admissions@maltadiocese.org